MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 1246/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**KONTRA**

**JACQUELINE BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jacqueline Bugeja, bint Costantino u Helen nee' Vidal, mwielda Valletta nhar is- 26 ta' April 1964, residenti Flat 2, Blokk G, Entrance A, Sqaq ta' Frakass, Birgu u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 252764M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar il- 15 ta’ Ottubru 2010, ghall- habta tas-18.45hrs gewwa l- inhawi ta’ Triq l- Inkurazzjoni Bormla, volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlet hsara f’ vettura numru FAV 772 tal- ghamla Mitsubishi, liema hsarat huma ta’ aktar minn €116.47 u anqas minn €1164.69 ghad- dannu ta’ Stephen Borg u Jeffrey Cassar;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied;

3) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi heddet u nsulentat lil Jeffrey Cassar bi kliem;

4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saret recidiva b’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D datata 5 ta’ Lulju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza hija risultat ta’ azzjoni ta’ vendikazzjoni bla sens, bid-dovut rispett bhal hafna kawzi li qed jispiccaw quddiem dawn il-Qrati. L-imputata wettqet hsara volontarja fuq vettura li sidha allegatament kien insolenta lil binha u li allegatament kien l-istess guvni li aggrediha u serqilha gizirana tad-deheb minn ghonqha ftit tal-hin qabel. Ghalhekk marret u sabet il-vettura ta’ dan il-guvni, Jeffrey Cassar, u ghamlet xi hsarat fiha. Il-Qorti qed tghid allegatament ghax ma hemm prova ta’ xejn hlief dak indikat fl-istqarrija taghha. Bl-ammissjoni quddiem il-Qorti, sejra tinghata sentenza flimkien ma’ ordni ghall-hlas tad-danni maghmulin minnha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 325, 338(dd), 339(1)(d) u (e), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna hlas ta’ erba’ mitt ewro (€400) lil Stephen Borg ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------